# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 294 – It-Tnejn 26 ta' Jannar, 2015
## AĠENDA

Talba

1. Korrezzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Mozzjonijiet
6. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTA SKUŻATA

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Mariette Borg li kienet indisposta minħabba mard. Is-Sindku ippropona li din it-talba tkun milqugħa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 293 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Ilment dwar is-sit magħruf bħala "Tal-Ħofor"**
Is-Sindku qal li wara li tkellem mal-propretajri tal-*Animal* Sancuary, l-istqarrija kienet se toħroġ fiż-żmien qarib.

**2.2 Sinjali tat-Traffiku fi Triq 6 ta' Diċembru**
Is-Sindku qal li kien għadu se jikteb lir-residenti tal-imsemmija triq.

**2.3 Jum is-Siġġiewi**
Is-Sindku qal li l-preparamenti kienu fi stadu avvanzat. Kien għad baqa' t-tweġiba tal-President tar-Repubblika. Fi tmiem tas-seduta huwa kien se jiltaqa' mal-ViċiSindku u l-Kunsillier Jesmond Tanti biex jiffinalizzaw l-attività sportiva fit-8 ta' Marzu.

# 3 FINANZI

**3.1 Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

**4.1 Printing of Book Lcs 17/2014**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu 3 offerti għal din is-sejħa: Salander, Union Print u Guthenberg u ippreżenta l-iskeda tar-rati.

Wara li din ġiet eżaminata, is-Sindku ippropona li għandna tintlaqa' l-offerta ta' Salandar għaliex kienet l-irħas waħda. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 MOZZJONIJIET

**5.1 Mozzjoni dwar il-bini mill-ġdid tal-*Playground fi Triq Dr Nikola Zammit***
Is-Sindku qal li wara li kien sar qbil fil-Kunsill li jiġi ikkunsidrat il-bini mill-ġdid tal-imsemmi *playground*, u wara li elenka d-diversi suġġerimenti li saru minn diversi persuni, u wara li l-perit tal-Kunsill kien ħejja l-pjanti neċessarji, huwa kien se jressaq mozzjoni li taqra:

"Billi huwa meħtieġ li l-*playground* li jinsab fi Triq it-Tabib Nikol Zammit fis-Siġġiewi jiġi mibni mill-ġdid biex ikun joffri aktar faċilitajiet u sigurtà għat-tfal u l-familji li jagħmlu użu minnu;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn, 26 ta' Jannar 2015:

"Jirriżolvi li jwettaq proġett li permezz tiegħu l-*playground* li jinsab fi Triq it-Tabib Nikol Zammit fis-Siġġiewi jiġi mibni mill-ġdid u dan billi fost oħrajn jkun jinkludi:

1. Tlett żoni differenti mqassma u mgħammra skont l-etajiet u l-bżonnijiet tat-tfal;
2. L-ogħla livelli ta' saħħa u sigurtà fit-tqassim u fl-apparat li jiġi installat fil-*playground*;
3. Aċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali;
4. Lattrina pubblika ġdida;
5. Servizz ta' internet Wi-Fi b'xejn;
6. Sistema ġdida ta' dwal effiċjenti bl-użu ta' sorsi alternattivi ta' enerġija; u
7. Sistema ta' sigurtà permezz ta' CCTV *cameras*.

"Jirriżolvi li minnufih jippreżenta l-applikazzjoni meħtieġa lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skont il-pjanta li diġà tħejjiet mill-Perit tal-Kunsill u li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni;

"Jirriżolvi li l-imsemmi proġett għandu jitwettaq bis-sistema tal-*Public Private Partnership* u għal dan il-għan qiegħed provviżorjament jivvota l-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin elf Ewro (€175,000.00) mqassma fuq tlett snin b'dan illi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandu jfittex li jikseb fondi minn sorsi oħra, fosthom iżda mhux biss, mill-Unjoni Ewropea, mill-Gvern ċentrali u mill-Urban Improvement Fund (UIF) kif amministrat mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; u

"Jirriżolvi li l-imsemmi proġett għandu jitwettaq sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena 2016."

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda. Wara li l-proġett ġie diskuss, il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

## 6.1 Pelican Lights fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Il-Kunsillier Nicholas Cassar staqsa f'hiex wasal il-proċess tal-istallazzjoni tal-Pelican Lights fit-triq imsemmija.

Is-Sindku wieġeb li hemm qbil mal-perit Bonello ta' Transport Malta li dawn isiru, u kif normalment hija l-prassi, dawn jiġu stallati minn TM stess. Huwa qal li għadu jistenna mingħand TM meta se jibdew ix-xogħolijiet.

**6.2 Livellar tat-triq man-niżla ta' Limestone Heritage**

Is-Sindku qal li kien irċieva talba mill-propretarju ta' Limestone Heritage biex tiġi livellat it-triq li tagħti għall-kumpless tiegħu. Dan minħabba coaches li jkunu jridu jinżlu qed isibu diffikultà biex jagħmlu dan. Is-Sindku qal li wara li mar jara x-xogħolijiet flimkien mal-Perit kien qiegħed jipproponi li dawn isiru.

Il-Kunslillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 Kisi bil-konkos ta' sqaqien fil-kampanja**

Is-Sindku qal li wara li fl-aħħar seduta sar qbil li jiġu ivvutati €20,000 għal kisi ta' sqaqien fil-kampanja, huwa ippropona li dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru fuq dawn il-kundizzjonijiet:

i. Il-konkos għandu jingħata biss f'dawk is-sqaqien, toroq jew trejqet pubbliċi u li jinsabu fiż-żona ruali tas-Siġġiewi;
ii. Il-konkosgħandu jingħata biss f'dawk is-sqaqien, toroq jew trejqet pubbliċi li diġà għandhom wiċċ;
iii. L-għoti tla-konkos għandu jkun ta' madwar 10 ċentimetri;
iv. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għanud d-dritt li jindika hu dawk il-postijiet fejn m'għandu jingħata l-ebda konkos.;
v. Fl-għoti tal-konkos ma jistgħux jiġu mgħottija jew imwarrba swieqi jew ilqugħ tal-ilma;
vi. Qabel jinbdew kwalunkwe xogħolijiet il-persuni li jagħmlu użu mill-isqaq, triq jew trejqa għandhom jinfurmaw lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;
vii. Kull konsenja (vjaġġ) ta' konkos għandu jkun kopert minn *delivery note* li tingħata lill-bidwi. Id-*delivery note* għandu jkollha miktub fuqha n-numru tat-trakk li permezz tiegħu jkun twassal il-konkos. Id-*delivery note* għandha tiġi ffirmata mill-bidwi u tingħata lura lis-sewwieq tat-trakk;
viii. Jekk tinkiser xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, il-Kunsill jkollu d-dritt li jieħu kwalunkwe pass li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż iżda mhux biss, li jwaqqaf milli jitwettqu l-bqija tax-xogħolijet kif ukoll li jneħħi l-konkos li jkun diġà ngħata għas-spejjeż tal-persuni li jkunu kisru xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Pubblikazzjoni ta' newsletters**

Is-Sindku ippropona li minn Jannar sa April jiġu ippublikati żewġ newsletters u ktejjeb li juri l-ħidma sħiħa tal-Kunsill tal-aħħar tliet snin.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Korsijiet għat-tfal dwar il-Medju Evu**

**6.6 Linji sofor quddiem proprjetà fi Triq Lapsi**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien avviċinat minn resident li qal li kien qed isibha diffiċli biex jidħol fil-proprjetà tiegħu u għalhekk kien jinħtieġ linji sofor

quddiem id-dħul tad-dar. Is-Sindku qal li f'dak is-sit se tinbidel il-bankina bil-possibiltà li titwessa u għalhekk id-diffikultà tkun solvuta.

**6.7 Preżentazzjoni mis-Sindku fil-Laqgħa tal-Kabinett tal-Ministri**

Is-Sindku qal li nhar is-26 ta' Jannar, 2015 hu flimkien mas-Sindki tar-Reġjun ta' Nofsinhar jagħmel preżentazzjoni f'laqgħa tal-Kabinett tal-Ministri. Huwa qal li tkellem fuq

(i) Il-ħtieġa ta' riforma fis-sistema tal-Gwardjani Lokali;
(ii) Il-ftuħ ta' toroq ġodda u *upgrading* ta' toroq li jagħtu għas-Siġġiewi;
(iii) Il-ħtieġa ta' żjieda u bidla fl-allokazzjoni finanzjarja;
(iv) Appell lill-Gvern biex iwaqqaf il-proġett ta' tnax-il razzett tal-baqar fiż-żona ta' San Niklaw viċin id-Dar tal-Providenza.
(v) Talba biex tiġi salvagwardjata u restawarata l-Kappella tal-Lunzjata fiż-żona tas-Salib tal-Għolja.

Kopja tal-preżentazzjoni sħiħa qed tkun annessa mal-minuti.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn 23 ta' Frar fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-it-Tnejn, 23 ta' Frar, 2015.**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 294**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 8/1/15-26/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 13.1.15 | 594659 | | | | 10613 |
| 2 | bristow potteries | 232.93 | 232.93 | d | pf | street name plaques | 9.1.15 | 1511 | | po129/14 | | 10614 |
| 3 | louis stationery | 107.25 | 107.25 | d | pf | postage stamps | 12.1.15 | 332 | | | | 10615 |
| 4 | melita | 28.10 | 28.10 | d | pf | tv connection jan15 | 1.1.15 | 100813211 | | | | 10616 |
| 5 | min for justice | 70.00 | 70.00 | d | pf | publication advert tender lcs18/14 | 15.1.15 | | lcs18/14 | | | 10617 |
| 6 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack jan15 | 5.1.15 | 5214 | | | | 10618 |
| 7 | foresight | 1953.37 | 1953.37 | t | pf | servizz ta' perit | 22.1.15 | 2015 | lcs19/13 | | | 10584 |
| 8 | vcfs architects | 1530.61 | 1530.61 | t | pf | servizz ta' perit civic centre | 22.1.15 | iv-008 | lcs55/09 | | | 10583 |
| 9 | portelli weighing sys. | 599.99 | 599.99 | q | pf | weighing scales | 15.1.15 | 9699 | | | | 10619 |
| 10 | dr richard sladden | 82.60 | 82.60 | d | pf | case xuereb bros | 19.1.15 | rs03/15 | | | | 10620 |
| 11 | pitre hardware | 14.50 | 14.50 | d | pf | door handle | 2.1.15 | 21421 | | | | 10637 |
| 12 | john marmara | 18.00 | 18.00 | d | pf | gas cylinder | 15.1.15 | 1400 | | | | 10623 |
| 13 | john marmara | 18.50 | 18.50 | d | pf | gas cylinder | 2.1.15 | 1390 | | | | 10623 |
| 14 | karol aquilina | 155.76 | 155.76 | d | pf | sms notifications to residents | 22.1.15 | 100804794 | | | | 10621 |
| 15 | smart office supplies | 112.10 | 112.10 | d | pf | laminating machine | 20.1.15 | 16615 | | po1/15 | | 10622 |
| 16 | smart office supplies | 172.16 | 172.16 | d | pf | soap dispensers x 6 | 26.1.15 | 16892 | | po3/15 | | 10622 |
| 17 | smart office supplies | 82.60 | 82.60 | d | pf | toner 85A | 22.1.15 | 16801 | | po2/15 | | 10622 |
| 18 | n.baldacchino | 2584.61 | 2584.61 | d | pf | performance bonus 2014 | | | | | | |
| 19 | r.giorgino | 1100.76 | 1100.76 | d | pf | performance bonus 2014 | | | | | | |
| 20 | m.muscat | 971.04 | 971.04 | d | pf | performance bonus 2014 | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,150.18** | **€10,150.18** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,150.18** | **€10,150.18** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 294 tas-26/1/15**

Kunsillier

**Data: 8/1/15-26/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | a.borg | 1864.86 | 1864.86 | d | pf | performance bonus 2014 | | | | | | |
| 22 | employees | 4094.69 | 4094.69 | d | pf | salaries jan15 | | | | | | |
| 23 | dr k aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria jan15 | | | | | | |
| 24 | image systems | 3.00 | 3.00 | d | pf | photocopies | 30.1.15 | 144513 | | | | 10636 |
| 25 | antonia aquilina | 151.11 | 151.11 | d | pf | librarian jan15 23hrs x 6.57 | 1.2.15 | | | | | 10624 |
| 26 | daniel cutajar | 521.26 | 521.26 | t | pf | bulky service jan15 548.70-27.44mf | 31.1.15 | 25 | | | | 10610 |
| 27 | cassie cutajar | 28.80 | 28.80 | d | pf | clerikal work saturdays jan15 4hrsx7.2 | 1.2.15 | | | | | 10625 |
| 28 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 26.2.15 | 595797 | | | | 10613 |
| 29 | arms | 30.14 | 30.14 | d | pf | gnejnet l-armonija 18/11/14-8/1/15 | 14.2.15 | 19822158 | | | | 10603 |
| 30 | cir | 3353.24 | 3353.24 | d | pf | cir - jan15 | | | | | | 10581 |
| 31 | idpc | 46.58 | 46.58 | d | pf | data protection commission fee 2014/2015 | 22.1.15 | 2488 | | | | 10611 |
| 32 | kite group | 1100.00 | 1100.00 | d | pf | design of siggiewi book | 26.2.15 | 10108 | lcs17/14 | | | 10627 |
| 33 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban January 2015 | 5.2.15 | | lcs10/14 | | | 10608 |
| 34 | milord | 365.80 | 365.80 | t | pf | extra cleaning cimiterju san dawdar/l.pisani | 5.2.15 | 19 | | | | 10608 |
| 35 | waste collection ltd | 4273.79 | 4273.79 | t | pf | waste Jan15 | 31.1.15 | 15/045. | lcs12/13 | | | 10607 |
| 36 | avanetch | 62.55 | 62.55 | d | pf | maintenance photocopier | 2.2.15 | 182536 | | | | 10606 |
| 37 | 3d | 118.00 | 118.00 | d | pf | distribution of flyer (collection waste) | 3.2.15 | 5852 | | po7/15 | | 10604 |
| 38 | bestprint | 252.00 | 252.00 | d | pf | printing of flyers 'collection of waste' | 30.1.15 | 11484 | | po8/15 | | 10605 |
| 39 | arms | 317.38 | 317.38 | d | pf | mons fx mangion 15/11/14-14/1/15 | 15.2.15 | 19829363 | | | | 10603 |
| 40 | nexos | 2115.59 | 2115.59 | t | pf | repair street lighting | 2.2.15 | 2010771 | | | | 10602 |
| | **Sub Total c/f** | **€23,295.75** | **€23,295.75** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€10,150.18** | **€10,150.18** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€33,445.93** | **€33,445.93** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 294 tas-26/1/15**

0

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 294**

**Data: 8/1/15-26/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences jan15 | 3.2.15 | 15 | lcs24/13 | | | 10601 |
| 42 | natasha mizzi | 279.00 | 279.00 | t | pf | cleaning council premises jan15 | 1.2.15 | | | | | 10600 |
| 43 | akl | 524.00 | 524.00 | d | pf | health insurance scheme 2015 | 1.2.15 | | | | | 10599 |
| 44 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works Jan15 | 31.1.15 | lc-016 | lcs17/13 | | | 10598 |
| 45 | akl | 14.00 | 14.00 | d | pf | health ins scheme 2015 diff underpaid | | | lcs5/14 | | | 10630 |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€2,194.63** | **€2,194.63** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€2,194.63** | **€2,194.63** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 294 tas-26/1/15**

0

Kunsillier